Is-Sinjur Manfred Bischof (nº 775/2005)
Is-Sinjur Josef Sagerschnig (Körpersportverein Wörtersee) (nº 776/2005)
Is-Sinjur Erhardt Fiebiger (Aktionsbündnis mittelständischer Unternehmen) (nº 777/2005)
Is-Sinjur Michel Guillet (nº 778/2005)
Is-Sinjur Adam Bohdan (Pracownia na rzecz Wszystkich Istot) (plus 38 signatures) (nº 779/2005)
Is-Sinjur Friedrich Kohle (nº 780/2005)
Is-Sinjur Michael Sommer (nº 781/2005)
Is-Sinjur Oisin Jones-Dillon (nº 782/2005)
Is-Sinjur William G Loveland (nº 783/2005)
Is-Sinjura Joy P. Henderson (nº 784/2005)
Is-Sinjur J. S. McGregor (nº 785/2005)
Is-Sinjur Jože Fergula (nº 786/2005)
Is-Sinjur Jerzy Płókarz (Komitet Wyborczy Wyborców "Społeczni Ratownicy") (nº 787/2005).

## 5. **Dikjarazzjonijiet bil-miktub** (Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura)

Skond l-Artikolu 116(5) tar-Regoli ta' Proċedura, id-dikjarazzjonijiet bil-miktub Nru 35, 36 u 37/2005 skadew minħabba li ma kellhomx in-numru ta' firem meħtieġ.

## 6. Azzjoni meħuda dwar il-pożizzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament

Tqassmu l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-azzjoni meħuda dwar il-pożizzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet adottati mill-Parlament waqt is-sessjonijiet parzjali ta' ta' April I u II u ta' May II.

## 7. Kompożizzjoni tal-kumitati u d-delegazzjonijiet

Fuq talba tal-Grupp PPE-DE, il-Parlament irratifika l-ħatra li ġejja:

Kumitat LIBE

— Antonio Tajani

## 8. Firma ta' atti adottati skond il-proċedura ta' kodeċiżjoni

Il-President ħabbar li, flimkien mal-President tal-Kunsill, l-Erbgħa se jiffirmaw l-atti li ġejjin, adottati skond il-proċedura ta' kodeċiżjoni skond l-Artikolu 68 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament:

— Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għal aċċess għan-netwerks ta' trażmissjoni tal-gass naturali (3614/2005 — C6-0295/2005 — 2003/0302(COD))

— Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' gassijiet u partikoli li jniġġsu minn magni li jaħdmu b"compression ignition" għall-użu f'vetturi, u l-emissjoni ta' gassijiet li jniġġsu minn magni b"positive ignition" li jaħdmu bil-gass naturali jew bil-gass likwidu tal-petroljum għall-użu f'vetturi (3617/1/2005 — C6-0296/2005 — 2003/0205(COD))

— Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE dwar programm plurijennali għall-intrapriżi u l-intraprenditorija, u partikolarment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) (2001–2005) (3635/1/2005 — C6-0292/2005 — 2004/0272(COD)).

Barra dawn, il-Kunsill għarraf li approva

— il-posizzjoni adottata mill-Parlament fl-ewwel qari tat-12 ta' April 2005 b'kunsiderazzjoni ta' l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġi faċilitat il-ħruġ mill-Istati Membri ta' viżi uniformi għal waqfiet qosra għal riċerkaturi minn pajjiżi terzi li jkunu qed jivvjaġġaw fil-Komunità Ewropea bil-għan li jagħmlu riċerka xjentifika (3621/2/2005 — C6-0294/2005 — 2004/0063(COD)).

Meta wieħed iqis l-adattamenti mwettqa mill-Kunsill fit-test mibgħut lill-Parlament, il-President ikkonsulta mal-Kumitat LIBE, li huwa il-kumitat responsabbli f'dan il-qasam, skond l-Artikolu 66 (2), tar-Regoli ta' Proċedura, u permezz ta' ittra ddatata il-23 ta' Ġunju 2005, iċ-"Chairman" ta' dan il-Kumitat informa lill-President tal-Parlament li l-adattamenti ma solvewx il-kwistjoni. Madankollu l-President ser jiffirma dan l-att nhar l-Erbgħa.

## 9. Akkoljenza ta' l-osservaturi Bulgari u Rumeni

Il-President, f'isem il-Parlament, ta' merħba lill-osservaturi Bulgari u Rumeni, li ħadu posthom fl-emiċiklu.

*Il-lista bl-ismijiet ta' l-osservaturi Bulgari u Rumeni tidher fl-anness għal dawn il-minuti.*

## 10. Ordni tas-seduta

Il-punt li jmiss kien l-ordni tas-seduta.

L-abbozz finali ta' l-aġenda għas-seduti ta' Settembru II u Ottubru I (PE 361.877/PDOJ) tqassam u ġew proposti l-modifikazzjonijiet imsemmija hawn taħt (Artikolu 132 tar-Regoli ta' Proċedura):

**Seduti ta' bejn 26.09.2005 u 29.09.2005**

*It-Tnejn*

— ma ġiet proposta l-ebda modifika

*It-Tlieta*

— ma ġiet proposta l-ebda modifika

*L-Erbgħa*

— ma ġiet proposta l-ebda modifika

*Il-Ħamis*

Dibattiti dwar każi ta' vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u ta' l-istat ta' dritt (Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura):

— (talba tal-Grupp PPE-DE biex il-punt "Tuniżija" *punt 62 ta' l-abbozz ta' l-aġenda)* jiġi sostitwit b'punt ġdid "Vojvodin".

— (talba tal-Grupp PSE biex il-punt "Użbekistan" *punt 63 ta' l-abbozz ta' l-aġenda)* jiġi sostitwit b'punt ġdid "Vojvodin".

Tkellmu: Martin Schulz f'isem il-grupp PSE, li ddikjara li l-Gruppi PSE, PPE-DE u ALDE waslu għal kunsens dwar it-talba tal-Grupp PSE, u Hans-Gert Poettering f'isem il-grupp PPE-DE, li rtira t-talba tal-Grupp tiegħu.

Il-Parlament approva din it-talba tal-Grupp PSE.

**Seduti ta' 12.10.2005 u 13.10.2005**

— ma ġiet proposta l-ebda modifika

Hekk ġie stabbilit l-ordni tas-seduta.